GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR261075	25.06.2026	5

STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

L-Ispeaker jilqa' l-ewwel żjarat ta' korteżija minn rappreżentanti diplomatiċi u jafferma l-Parlament bħala pont ta' djalogu u kooperazzjoni

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Carmelo Abela, laqa' żjarat ta' korteżija minn Mons. Wojciech Załuski, Nunzju Appostoliku tas-Santa Sede u Dekan tal-Korp Diplomatiku f'Malta; Ono Hikariko, Ambaxxatriċi tal-Ġappun; Regina Appiah-Sam, Kummissarju Għoli tar-Repubblika tal-Ghana; u Veiccoh K. Nghiwete, Kummissarju Għoli tar-Repubblika tan-Namibja.

Dawn kienu l-ewwel żjarat ta' korteżija li saru lill-Ispeaker minn rappreżentanti diplomatiċi minn meta ġie elett f'din il-kariga fl-20 ta' Ġunju 2026. L-Ispeaker qal li dawn il-laqgħat kellhom tifsira partikolari fil-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Kap tal-ogħla istituzzjoni rappreżentattiva tal-pajjiż, għaliex jaffermaw li l-Parlament għandu jibqa' post ta' djalogu, rispett reċiproku u diplomazija parlamentari.

Waqt il-laqgħa ma' Mons. Wojciech Załuski, l-Ispeaker enfasizza r-relazzjoni storika u eċċezzjonalment b'saħħitha bejn Malta u s-Santa Sede, mibnija fuq sekli ta' wirt Kattoliku, valuri komuni u kooperazzjoni diplomatika. Huwa qal li, fi żmien ta' kunflitti, frammentazzjoni internazzjonali, migrazzjoni u sfidi ambjentali, ir-rabta bejn Malta u s-Santa Sede tibqa' tfakkira li l-politika u d-diplomazija għandhom dejjem jibdew mid-dinjità tal-bniedem, mill-paċi u mill-ġid komuni. L-Ispeaker awgura lin-Nunzju Appostoliku għall-ħidma tiegħu f'Malta u esprima r-rieda tiegħu li r-relazzjonijiet ikomplu jissaħħu.

Fil-laqgħa ma' Ono Hikariko, Ambaxxatriċi tal-Ġappun, l-Ispeaker innota l-ħbiberija twila bejn Malta u l-Ġappun u l-momentum pożittiv li nħoloq permezz ta' skambji reċenti u rappreżentanza diplomatika aktar b'saħħitha fiż-żewġ pajjiżi. Huwa qal li Malta tqis lill-Ġappun bħala sieħeb ta' fiduċja fil-paċi, fl-innovazzjoni, fil-kummerċ, fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fil-kultura. L-Ispeaker saħaq li d-diplomazija parlamentari tista' tagħti spinta ġdida lil dawn ir-relazzjonijiet, inkluż permezz tar-riattivazzjoni tal-Grupp ta' Ħbiberija Parlamentari bejn Malta u l-Ġappun. Huwa semma wkoll l-importanza ta' aktar kooperazzjoni fl-oqsma tat-teknoloġija, l-enerġija, it-turiżmu u l-edukazzjoni fost temi oħra ta' interess.

Fil-laqgħa ma' Regina Appiah-Sam, Kummissarju Għoli tar-Repubblika tal-Ghana, l-Ispeaker fakkar fir-relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u l-Ghana li jmorru lura għall-1974, u qal li l-Ghana tibqa' wieħed mill-aktar sħab importanti ta' pajjiżna. Huwa rrefera għall-preżenza diplomatika ta' Malta f'Accra bħala sinjal ċar tal-importanza li Malta tagħti lil din ir-relazzjoni. L-Ispeaker faħħar l-istabbiltà demokratika tal-Ghana, l-irwol tagħha fil-Commonwealth u fl-Afrika tal-Punent, u l-kontribut tagħha fil-paċi u s-sigurtà reġjonali. Huwa enfasizza wkoll l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni fil-kummerċ, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-iżvilupp tal-ħiliet, is-

servizzi marittimi, il-kultura u l-kuntatti bejn il-popli. L-Ispeaker qal li r-relazzjoni bejn Malta u l-Ghana għandha tkompli tinbena fuq riżultati prattiċi u fuq rispett reċiproku.

Fil-laqgħa ma' Veiccoh K. Nghiwete, Kummissarju Għoli tar-Repubblika tan-Namibja, l-Ispeaker laqa' t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi u qal li, għalkemm l-impenn bilaterali għadu relattivament modest, hemm potenzjal ċar għal kooperazzjoni aktar konkreta. Huwa nnota l-importanza dejjem tikber tan-Namibja fl-oqsma tal-idroġenu aħdar, l-enerġija rinnovabbli, l-iżvilupp sostenibbli, u l-istabbiltà reġjonali. L-Ispeaker semma wkoll l-opportunitajiet li jeżistu fl-edukazzjoni, fit-taħriġ vokazzjonali, fis-sajd, fl-agrikoltura, fil-kummerċ u fil-kooperazzjoni f'fora internazzjonali. Huwa qal li pajjiżi bħal Malta u n-Namibja jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti meta jaħdmu flimkien bħala stati li jifhmu l-valur tal-multilateraliżmu u tal-iżvilupp sostenibbli.

L-Ispeaker awgura lil Mons. Wojciech Załuski, lil Ono Hikariko, lil Regina Appiah-Sam u lil Veiccoh K. Nghiwete għall-ħidma tagħhom f'Malta, u esprima r-rieda tiegħu li, permezz tal-Kamra tad-Deputati, ikompli jikkontribwixxi għal relazzjonijiet aktar b'saħħithom, aktar prattiċi u aktar qrib bejn Malta u l-pajjiżi u l-istituzzjonijiet li jirrappreżentaw.

Barra minn hekk, l-Ispeaker laqa' lill-Ambaxxatur tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Ambaxxatur Zhang, li ppreżenta messaġġ ta' awguri lill-Ispeaker mingħand Zhao Leji, President tal-Kumitat Permanenti tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu taċ-Ċina. Tkellmu wkoll fuq it-tisħiħ tar-relazzjonijiet Parlamentari kif ukoll ir-relazzjoni bilaterali bejn Malta u ċ-Ċina.